MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 216/2011

**Kunsill Studenti Universitarji**

**Vs**

**Victor Pace K.I. 111366M ezercenti l-kummerc bl-isem Promolab**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Kunsill attur talab sabiex il-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-Kunsill attur is-somma ta' tmin telef, hames mija u disgha u erbghin ewro u sebgha u sebghin centezmi (Euro8,549.77) inkluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mill-konvenut lill-attrici skond ftehim tal-4 ta' Dicembru,2007, liema hlas ghadu ma sarx minkejja d-debiti interpellazzonijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tas-16 ta' Settembru, 2009 u 17 ta' Jannar, 2010 u bl-imghaxijiet dekorribbli

minn meta kull parti minn dana l-ammont giet dovuta, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 4 ‘a tergo’ tal-istess atti il-konvenut kien gie notifikat bl-avviz promotur izda naqas milli, b’xi mod, jikkontesta dak mitub mill-Kunsill attur.

Illi dan tal-ahhar pproduca lill-President tallum Stefan Balzan li xehed taht gurament fis-seduta tallum stess illi l-ammont mitlub fl-istess avviz ghadu dovut sallum u dan skond il-ftehim imsemmi fl-istess avviz u esebit mill-istess xhud.

Illi, fid-dawl ta’ dak premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti b’dan li l-imghax skond il-ligi ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-istess avviz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita tieghu premessa sabiex jhallas lill-Kunsill attur is-somma ta’ Euro8,549.77 bl-imghax legali mis-6 ta’ Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispjjes kollha inkluzi dawk tal-ittri interpellatorju tas-16 ta’ Settembru 2009 u tas-17 ta’ Jannar 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------